# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ppreżentati fis-27 ta' Ottubru 2016[1]

**Kawża C-406/15**

**Petya Milkova**
**vs**
**Izpalnitelen direktor Agentsiata za privatizatsia i sledprivatizatsionen kontrol**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (Qorti amministrattiva suprema, Bulgarija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti protezzjoni speċjali lil impjegati b'diżabbiltà f'każ ta' tkeċċija — Nuqqas ta' tali regoli favur uffiċjali b'diżabbiltà — Ammissibbiltà — Direttiva 2000/78/KE — Artikoli 4 u 7 — Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà — Artikolu 5(2) — Estensjoni tar-regoli nazzjonali ta' protezzjoni favur uffiċjali b'diżabbiltà"

## I – Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (Qorti amministrattiva suprema, Bulgarija) tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[2], u b'mod partikolari tal-Artikoli 4 u 7 tagħha kif ukoll l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà")[3].

2. Din it-talba saret wara rikors ippreżentat minn Petya Milkova kontra deċiżjoni li wasslet għall-waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha, li kien ibbażat fuq it-tneħħija tal-kariga li l-persuna kkonċernata, li kellha diżabbiltà, kienet tokkupa bħala uffiċjal. Hija tikkritika lill-amministrazzjoni li impjegata li ma applikatx favur tagħha l-leġiżlazzjoni Bulgara li tagħti protezzjoni speċjali lil ċerti kategoriji ta' persuni morda f'każ ta' tkeċċija, iżda biss meta jkunu impjegati.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan it-tip hijiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà u tad-Direttiva 2000/78. Fil-każ li dan ma jkunx hekk, hija tistaqsi jekk l-obbligu tal-osservanza ta' dawn iż-żewġ strumenti, li għandu Stat Membru, jimponix li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, il-benefiċċju ta' regoli nazzjonali li jipproteġu esklużivament lill-impjegati b'diżabbiltà[4] għandu jiġi estiż għal uffiċjali li għandhom l-istess tip ta' diżabbiltà.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

3 — Konvenzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' Diċembru 2006 u li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008.

4 — Nippreċiża li l-leġiżlazzjoni Bulgara kkonċernata ssemmi numru ta' "mardiet" li jagħtu dritt għal din il-protezzjoni u mhux strettament id-"diżabbiltà", iżda li l-problematika mqajma f'din il-kawża hija ttrattata mill-qorti tar-rinviju iktar speċifikatament mill-perspettiva ta' dan l-aħħar kunċett, għaliex hija adita minn kawża li għandha bħala suġġett persuna b'diżabbiltà.

4. Qabel xejn, nindika li fl-opinjoni tiegħi, tali sitwazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2000/78 u li għalhekk ma hemmx lok li jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tagħha f'din il-kawża, u lanqas fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà. Madankollu, b'mod sussidjarju, se nagħmel xi osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett.

## II – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt internazzjonali*

5. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà ġiet approvata għan-nom tal-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE [5] u ġiet irratifikata fl-2012 mir-Repubblika tal-Bulgarija [6].

6. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1 tal-imsemmija konvenzjoni, "[l]-għan [tagħha] huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà, u li tippromwovi ir-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom". It-tieni sentenza ta' dan l-istess artikolu tiddefinixxi l-persuni b'diżabbiltà bħala "dawk li għandom ħsarat fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perjodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor".

7. L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, intitolat "Obbligi Ġenerali", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu li "[l]-Istati Partijiet jintrabtu li jiżguraw u jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha għall-persuni b'diżabbiltà kollha mingħajr diskriminazzjoni ta' ebda tip fuq il-bażi ta' diżabbiltà [...]".

8. Skont l-Artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni, intitolat "Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni":

"1. L-Istati Partijiet jagħrfu li l-persuni kollha huma ugwali quddiem u taħt il-liġi u huma intitolati mingħajr kwalunkwe diskriminazzjoni għall-protezzjoni ugwali u għal benefiċċju ugwali tal-liġi.

2. L-Istati Partijiet għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi.

[...]"

9. L-Artikolu 27 tal-imsemmija Konvenzjoni, intitolat, "Xogħol u impjieg", jipprevedi dan li ġej:

"1. "L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà biex jaħdmu, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor; dan jinkludi d-dritt għall-opportunità għal qligħ ta' għixien permezz ta' xogħol magħżul b'mod liberu u ambjent tax-xogħol li hu miftuħ, inklużiv u aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà. L-Istati Partijiet għandhom iħarsu u jippromwovu l-kisba tad-dritt għax-xogħol, inkluż għal dawk li jġarrbu diżabbiltà matul l-impjieg tagħhom, billi jieħdu passi adegwati, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni, biex, *inter alia*:

a) jipprojbixxu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw kull forma ta' impjieg, inklużi kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, ingaġġ, u impjieg, it-tkomplija ta' impjieg, l-avvanz fil-karriera u kondizzjonijiet tax-xogħol siguri u tajba għas-saħħa".

5 — Deċiżjoni tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU 2010, L 23, p. 35). Minnha jirriżulta li l-Unjoni għandha djalogu perijodiku mal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti li huwa inkarigat minn dan il-qasam (ara Il-Kummissjoni, "Rapport tal-2015 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE", COM [2016] 265 finali, p. 8, nota ta' qiegħ il-paġna 30).

6 — Liġi adottata fis-26 ta' Jannar 2012 u ppubblikata fid-DV Nru 12 tal-10 ta' Frar 2012.

[…]”

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

10. Skont il-premessa 27 tad-Direttiva 2000/78, “[f]ir-Rakkomandazzjoni tagħha 86/379/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-impjieg ta' persuni b'dizabilità fil-Komunità [7], il-Kunsill stabilixxa qafas ta' gwida li jistabbilixxi eżempji ta' azzjoni pożittiva biex tippromwovi l-impjieg u t-taħriġ ta' persuni b'diżabilità, u fir-Reżoluzzjoni tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar opportunitajiet ta' mpjieg ugwali għall-persuni b'diżabilitajiet[8], iddikjarat l-importanza li tingħata attenzjoni speċifika fost affarijiet oħra lir-reklutaġġ, lid-detenzjoni, lit-taħriġ u t-tagħlim kontinwu għar-rigward ta' persuni b'diżabilità”.

11. Skont l-Artikolu 1 tagħha, l-imsemmija direttiva “[l]-iskop [tagħha] huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament”.

12. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78, intitolat “Il-kunċett ta' diskriminazzjoni”, fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi li, għall-finijiet ta' din id-direttiva, “'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1”. Il-paragrafu 2 tiegħu jiddefinixxi l-kunċetti ta' “diskriminazzjoni diretta” u ta' “diskriminazzjoni indiretta” fis-sens tad-direttiva.

13. L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Il-kamp ta' applikazzjoni”, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu jipprevedi li “[f]il-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda […] il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga”.

14. L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva huwa intitolat “Il-ħtiġiet tax-xogħol” u fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi li “[m]inkejja l-Artikolu 2(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li differenza ta' trattament li hija bbażata fuq karatteristika relatata ma' kwalunkwe bażi msemmija fl-Artikolu 1 m'għandhiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni meta, minħabba n-natura ta' attivitajiet partikulari tax-xogħol ikkonċernati jew il-kuntest li fihom jitwettqu, din il-karatteristika tikkostitwixxi ħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol, sakemm l-għan ikun leġittimu u proporzjonat”.

15. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/78, intitolat “Azzjoni pożittiva u miżuri speċifiċi”, jipprevedi kif ġej:

“1. Bi skop li tiġi żgurata l-ugwaljanza kompleta fil-prattika, il-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament m' għandux iżomm lil Stat Membru milli jikkonserva jew jadotta miżuri speċifiċi biex jipprevjeni jew jikkompensa għal żvantaggi marbuta ma' xi waħda mill-bażijiet imsemmija fl-Artikolu 1.

2. Fir-rigward ta' persuni b'disabilità, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament m'għandux jippreġudika d-dritt ta' l-Istati Membri li jikkonservaw jew li jadottaw disposizzjonijiet dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jew miżuri mmirati biex jikkrejaw jew iżommu disposizzjonijiet jew faċilitajiet għas-salvagwardja jew promozzjoni ta' l-integrazzjoni tagħhom fid-dinja tax-xogħol.”

7 — ĠU 1986, L 225, p. 43.
8 — ĠU 1999, C 186, p. 3.

### C – *Id-dritt Bulgaru*

#### 1. Il-kodeks na truda (Kodiċi tax-Xogħol)

16. Skont il-punt 2 tal-Artikolu 328(1) tal-kodeks na truda (Kodiċi tax-Xogħol)[9], "[p]ersuna li timpjega tista' ttemm kuntratt ta' xogħol permezz ta' pre-avviż bil-miktub indirizzat lill-ħaddiem fit-termini previsti fl-Artikolu 326(2) […] f'każ ta' […] tneħħija ta' karigi".

17. Il-punt 3 tal-Artikolu 333(1) tiegħu, intitolat "Protezzjoni f'każ ta' tkeċċija", jipprevedi li "[f]il-każijiet imsemmija fil-punti 2, 3, 5 u 11 ta[l-Artikolu] 328(1) […] persuna li timpjega ma tistax tipproċedi għal tkeċċija ħlief wara li tkun kisbet l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-ispettorat tax-xogħol każ b'każ:

[…]

3. [fir-rigward ta'] ħaddiem li jsofri minn marda msemmija f'deċiżjoni meħuda mill-Ministeru tas-Saħħa".

#### 2. In-naredba n 5/1987 (Deċiżjoni Nru 5/1987)

18. Skont l-Artikolu 1 tan-naredba n 5/1987 za bolestite, pri koito rabotnitsite, boleduvashti ot tyah, imat osobena zakrila saglasno chl. 333, al. 1, ot kodeksa na trud, izdadena ot Ministerstvoto na narodnoto zdrave i Tsentralniyat savet na balgarskite profesionalni sayrééduzi (Deċiżjoni Nru 5/1987 dwar il-mard li jippermetti lill-persuni li qed ibatu minnu jibbenefikaw minn protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, adottata mill-Ministeru tas-Saħħa Pubblika u mill-Kumitat ċentrali tas-sindakati Bulgari)[10]

"F'każ ta' likwidazzjoni parzjali, ta' tneħħija ta' karigi jew ta' waqfien mix-xogħol għal perijodu ta' iktar minn 30 jum, l-impriża ma tistax tkeċċi lill-ħaddiema li jbatu minn waħda mill-mardiet segwenti ħlief jekk ma tiġix awtorizzata li tagħmel dan minn qabel mid-Diviżjoni territorjali applikabbli tal-ispezzjonar tax-xogħol", u dawn il-mardiet huma il-"mard iskemiku tal-qalb", it-"tuberkulożi attiva", il-"marda tal-kanċer", il-"mard professjonali ", il-"mard mentali" u d-"dijabete".

#### 3. Iz-zakon za administratsiata (Att dwar l-amministrazzjoni)

19. L-Artikolu 12 taz-zakon za administratsiata (Att dwar l-amministrazzjoni)[11] jipprevedi dan li ġej:

"(1) L-azzjoni amministrattiva hija fdata f'idejn uffiċċjali u impjegati.

(2) Il-modalitajiet tad-dħul fis-seħħ u r-regolamenti tal-uffiċċjali huma rregolati bil-liġi.

(3) Il-kuntratti ta' xogħol ta' membri tal-persunal bil-kuntratt fi ħdan l-amministrazzjoni huma konklużi skont il-Kodiċi tax-Xogħol."

9 — Ippubblikat fid-DV Nru 26 tal-1 ta' April 1986 u fid-DV Nru 27 tal-4 ta' April 1986, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1987.

10 — Deċiżjoni adottota fl-20 ta' Frar 1987, ippubblikata fid-DV Nru 33 tat-28 ta' April 1987.

11 — Ippubblikat fid-DV Nru 130 tal-5 ta' Novembru 1998, li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 1998.

4. Iz-zakon za darzhavnia sluzhitel (Att dwar is-Servizz Ċivili)

20. Skont l-Artikolu 1 taz-zakon za darzhavnia sluzhitel (Att dwar is-Servizz Ċivili) [12], dan l-att jirregola “il-kontenut u l-waqfien tar-relazzjoni ta’ xogħol bejn l-Istat u l-uffiċjal, fl-eżerċizzju u fl-okkażjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet, fin-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet kuntrarji previsti minn liġi speċjali”.

21. Il-punt 2 tal-Artikolu 106(1) tal-imsemmija liġi jipprevedi li “[l]-Awtorità tal-Ħatra tista’ twaqqaf *ex officio* r-relazzjoni ta’ xogħol, permezz ta’ pre-avviż ta’ xahar, […] f’każ ta’ tneħħija ta’ karigi”.

5. Iz-zakon za zashtita ot diskriminatsia (Att dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet)

22. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, iz-zakon za zashtita ot diskriminatsia (Att dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet) [13] jikkostitwixxi l-att leġiżlattiv li jirregola l-protezzjoni kontra kull forma ta’ diskriminazzjoni u jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tagħhom billi jittrasponi d-direttivi Komunitarji fil-qasam ta’ ugwaljanza fit-trattament.

23. Skont l-Artikolu 4(1) tal-imsemmija liġi “[h]ija pprojbita kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta ibbażata fuq […] id-diżabbiltà […] jew kwalunkwe karatteristika oħra personali prevista mil-liġi jew minn konvenzjoni internazzjonali li tagħha r-Repubblika tal-Bulgarija hija parti”.

24. L-Artikolu 21 ta’ din l-istess liġi jipprevedi li “[i]l-persuna li timpjega għandha tapplika l-istess kriterji meta timplementa d-dritt tagħha li tirrexindi b’mod unilaterali l-kuntratt ta’ xogħol skont il-punti 2 sa 5, 10 u 11 tal-Artikolu 328(1) u l-Artikolu 329 tal-Kodiċi tax-Xogħol, jew meta twaqqaf relazzjoni ta’ xogħol skont il-punti 2, 3 u 5 tal-Artikolu 106(1) tal-Att dwar is-Servizz Pubbliku, indipendentement mill-karatteristiċi personali msemmija fl-Artikolu 4(1)”.

## III – Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. P. Milkova għandha problemi mentali li jirriżultaw f’perċentwali ta’ invalidità ta’ 50 %.

26. B’effett mill-10 ta’ Ottubru 2012, hija kella kariga ta’ uffiċjal fi ħdan l-amministrazzjoni Bulgara, jiġifieri l-Agentsia za privatizatsia i sledprivatizatsionen kontrol (aġenzija ta’ privatizzazzjoni u ta’ kontroll post-privatizzazzjoni, iktar ’il quddiem l-“aġenzija”).

27. Peress li n-numru ta’ karigi eżistenti fl-aġenzija naqas minn 105 għal 65, intbagħtet ittra ta’ pre-avviz lil P. Milkova, sabiex tinformaha li r-relazzjoni ta’ xogħol tagħha kienet ser tieqaf wara l-iskadenza ta’ terminu ta’ xahar, minħabba t-tneħħija tal-kariga li hija kellha. Permezz ta’ deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-aġenzija bbażata fuq il-punt 2 tal-Artikolu 106(1) tal-Att dwar is-Servizz Pubbliku, il-waqfien tar-relazzjoni ta’ xogħol sar effettiv fl-1 ta’ Marzu 2014.

28. P. Milkova ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Administrativen sad Sofia-grad (Tribunal amministrattiv ta’ Sofia, Bulgarija), billi allegat li l-punt 3 tal-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol Bulgaru kien applikabbli għas-sitwazzjoni tagħha, b’tali mod li l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-ispettorat tax-xogħol kellha tintalab qabel ma setgħet titwaqqaf ir-relazzjoni ta’ xogħol tagħha. Bħala risposta, id-Direttur Eżekuttiv tal-aġenzija sostna li tali awtorizzazzjoni ma kinitx meħtieġa u li d-deċiżjoni kkontestata kienet għalhekk legali.

12 — Ippubblikat fid-DV Nru 67 tas-27 ta’ Lulju 1999, li daħal fis-seħħ fis-27 ta’ Awwissu 1999.

13 — Ippubblikat fid-DV Nru 86 tat-30 ta’ Settembru 2003, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2004.

29. Din il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet ir-rikors minħabba l-fatt li, minkejja li P. Milkova kellha diżabbiltà, hija ma setgħetx tibbenefika mill-protezzjoni speċjali prevista fil-punt 3 tal-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, peress li din id-dispożizzjoni ma kinitx applikabbli għall-waqfien ta' relazzjoni ta' xogħol ta' uffiċjal.

30. P. Milkova ppreżentat appell fil-kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju. Peress li kkunsidrat li kienet meħtieġa interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni sabiex tiddeċiedi l-kwistjoni fil-kawża prinċipali, permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Lulju 2015, il-Varhoven administrativen sad (Qorti amministrattiva suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni [tan-NU dwar id-diżabbiltà] [jippermetti] leġiżlazzjoni li permezz tagħha l-Istati Membri jistabbilixxu protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, mingħajr madankollu tkopri lill-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

2) L-Artikolu 4 u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva [2000/78] jippermettu li tiġi adottata regola nazzjonali li tagħti protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, mingħajr madankollu tkopri lill-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

3) L-Artikolu 7 tal-imsemmija Direttiva 2000/78 jippermetti li tiġi stabbilita protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, mingħajr madankollu tkopri lill-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

4) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel u għat-tielet domandi: fid-dawl tal-fatti u taċ-ċirkustanzi f'dan il-każ, huwa neċessarju sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet internazzjonali u Komunitarji, li l-protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, stabbilita mil-leġiżlatur nazzjonali, tkun applikata wkoll għall-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?"

31. Il-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz ta' posta elettronika datata 27 ta' Mejju 2016, il-persuni msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ġew mistiedna jirrispondu bil-miktub għal mistoqsijiet li saru minn din tal-aħħar. P. Milkova, il-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni ssottomettew osservazzjonijiet supplimentari bħala tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet. Ma saritx seduta għas-sottomissjonijiet orali.

## IV – Analiżi

### A – *Osservazzjonijiet preliminari*

#### 1. Dwar il-kontenut u l-portata tar-regoli tad-dritt Bulgaru rilevanti

32. Fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tenfażizza l-fatt li s-sistema ta' dritt Bulgaru tiżgura, bħala regola, il-protezzjoni tal-persuni b'diżabbiltà u teskludi kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà[14], iżda li, fil-prattika, l-uniċi mekkaniżmi li jiffunzjonaw b'mod konkret huma applikabbli biss għal ċirku ristrett ta' persuni b'diżabbiltà, u dawn mhux kollha bl-istess mod.

14 — Skont l-Artikoli 6 u 48 tal-Kostituzzjoni Bulgara u l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet.

33. Mill-Artikolu 12(1) sa (3) tal-Att dwar l-amministrazzjoni jirriżulta li l-funzjonijiet amministrattivi, bħal dawk eżerċitati mill-entità pubblika li fiha P. Milkova kienet taħdem qabel il-waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha, jistgħu jingħataw kemm lil persuni li għandhom l-istatus ta' uffiċjali, kif ukoll lil membri tal-persunal bil-kuntratt li jitqiesu bħala impjegati suġġetti għall-Kodiċi tax-Xogħol.

34. Huwa stabbilit ukoll illi l-problemi mentali li minnhom issofri P. Milkova huma parti mil-lista ta' mard elenkat fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 5/1987 dwar il-mard li jippermetti lill-persuni li qed ibatu minnu jibbenefikaw minn protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol. Hija kellha għalhekk tibbenefika minn din il-protezzjoni jekk kienet ħadmet għall-aġenzija bħala impjegata, u mhux bħala uffiċjal.

35. Skont dan l-Artikolu 333, moqri flimkien mal-punt 2 tal-Artikolu 328(1) tal-istess Kodiċi, sabiex tkun tista' tkeċċi impjegat li għandu ċertu tip ta' diżabbiltà minħabba tneħħija tal-kariga tiegħu, il-persuna li timpjega għandha titlob l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-ispettorat tax-xogħol, li huwa inkarigat sabiex jevalwa l-eventwali riperkussjonijet tat-tkeċċija fuq l-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata u li jipprojbixxi t-tkeċċija jekk ikun meħtieġ [15].

36. Il-Varhoven administrativen sad (Qorti amministrattiva suprema) tispjega li l-Att dwar is-Servizz Ċivili ma jipprovdix dispożizzjoni analoga favur uffiċjali b'diżabbiltà u li l-ġurisprudenza nazzjonali lanqas tippermetti lil P. Milkova tibbenefika minn tali protezzjoni *ex ante*. Skont din il-ġurisprudenza stabbilita, peress li l-imsemmija liġi ma tirreferix b'mod espliċitu għall-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, il-miżuri ta' protezzjoni li huma previsti f'dan tal-aħħar ma jistgħux jiġu applikati favur uffiċjal, lanqas b'analoġija.

37. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-protezzjoni addizzjonali mogħtija minn dan il-Kodiċi, mill-1987, lill-persuni kollha li għandhom ċertu tip ta' diżabbiltà ġiet irtirata fil-konfront tal-uffiċjali bl-adozzjoni tal-Att dwar is-Servizz Ċivili, matul is-sena 1999, mingħajr ma l-awtur tal-proposta tal-liġi kkonċernata ma wera motivi espressi. Madankollu, din il-protezzjoni nżammet favur l-impjegati kollha, inkluż dawk li jeżerċitaw l-attività taghhom fil-qafas ta' missjoni ta' awtorità pubblika, u dan l-istat tad-dritt baqa' wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-Unjoni li seħħet fl-1 ta' Jannar 2007.

38. B'hekk, il-kriterju tad-differenza ta' trattament ikkontestat, li qed isir bejn persuni bl-istess diżabbiltà, huwa marbut mal-istatus ta' uffiċjal jew ta' impjegat, peress li dawk li għandhom kuntratt ta' xogħol jistgħu jibbenefikaw mill-miżura ta' protezzjoni inkwistjoni, indipendentement mill-fatt li huma impjegati minn entità privata jew minn entità pubblika. Nenfażizza li l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni jwasslu għal konfużjoni f'dan ir-rigward, inkwantu jindikaw li d-differenza għandha ssir skont jekk l-imsemmija persuni jaħdmux fis-settur privat jew inkella fis-settur pubbliku [16].

39. Il-qorti tar-rinviju żżid li l-Att dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet, adottat sabiex jiġu trasposti d-direttivi Komunitarji li jirregolaw dan il-qasam [17], fih argument li jsostni t-trattament differenzjat, skont jekk il-persuna li timpjega hijiex entità privata jew entità pubblika, f'każ ta' waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol ibbażat fuq tneħħija tal-kariga okkupata minn persuna b'diżabbiltà. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-Artikolu 21 tal-imsemmi att japplika distinzjoni bejn dawn iż-żewġ ipoteżi, minkejja r-rekwiżit komuni li l-persuna li timpjega tapplika kriterji identici meta tuża d-dritt tagħha li twaqqaf b'mod unilaterali l-kuntratt ta' xogħol jew ir-relazzjoni ta' xogħol ta' tali persuna.

15 — Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Bulgaru jżid li l-ispettorat tax-xogħol għandu l-interess li jkun terz indipendenti mill-partijiet tal-kuntratt ta' xogħol u li jevalwa l-opportunità li jawtorizza jew le t-tkeċċija billi jikkunsidra mhux biss l-impatt fuq l-istat ta' saħħa tal-ħaddiem, iżda wkoll fatturi oħra, bħall-preżenza ta' impjieg ieħor xieraq fi ħdan l-istess persuna li timpjega.

16 — Din l-ineżattezza ġiet irrilevata wkoll minn P. Milkova fir-risposta bil-miktub tagħha għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

17 — Ninnota li l-Artikolu 4(1) ta' din il-liġi ma fihiex lista eżawrjenti tal-motivi ta' diskriminazzjoni pprojbiti, peress li tissemma "kwalunkwe karatteristika oħra personali prevista mil-liġi jew minn konvenzjoni internazzjonali li tagħha r-Repubblika tal-Bulgarija hija parti".

40. Din il-qorti tidher tinjora sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u d-Direttiva 2000/78, li, fl-opinjoni tagħha, stabbilixxew kundizzjonijiet komuni fir-rigward tal-ugwaljanza fit-trattament tal-persuni kollha b'diżabbiltà, jawtorizzaw iż-żamma ta' dan l-istat tad-dritt Bulgaru, li minnu jirriżulta trattament differenzjat bejn żewġ kategoriji ta' ħaddiema vulnerabbli li madankollu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' waqfien mix-xogħol analoga.

2. Fuq l-għan u l-ordni ta' trattament tad-domandi preliminari

41. Minkejja li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel lok dwar il-possibbli effett f'dan il-każ tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, jidhirli li huwa xieraq, kif taħseb il-Kummissjoni, li din il-kwistjoni għandha tiġi ttrattata wara li tiġi eżaminata l-problematika doppja dwar l-applikabbiltà u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78, li tikkostitwixxi d-diffikultà komuni tat-tieni u tat-tielet domandi preliminari.

42. Fil-fatt, l-ewwel domanda għandha tinftiehem bħala li tirrigwarda, essenzjalment, l-interpretazzjoni eventwali tad-Direttiva 2000/78 fid-dawl tal-imsemmija konvenzjoni, suġġett li huwa biss rilevanti jekk din id-direttiva hija effettivament applikabbli, li fl-opinjoni tiegħi ma huwiex il-każ, u dan għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'l isfel.

43. Fl-aħħar nett, ninnota li r-raba' domanda preliminari, li hija introdotta b'formula kundizzjonali, għandha funzjoni sussidjarja meta mqabbla mad-domandi preċendenti u li, fl-opinjoni tiegħi, ma jkunx meħtieġ li tingħata risposta għaliha fid-dawl tar-risposti li għandhom jingħataw għal dawn tal-aħħar.

B – *Fuq l-interpretazzjoni mitluba tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 (it-tieni u t-tielet domandi)*

1. Fuq l-inapplikabbiltà tad-Direttiva 2000/78 f'din il-kawża

44. It-tieni u t-tielet domandi preliminari jirrigwardaw it-tnejn li huma l-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78, u b'mod iktar preċiż l-Artikoli 4 u 7 tagħha, jippermettux lil Stat Membru li jadotta leġiżlazzjoni, bħall-leġiżlazzjoni Bulgara inkwistjoni, li tagħti lill-impjegati li jsofru minn ċertu mard protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija, mingħajr madankollu ma tkopri lill-uffiċjali li jista' jkollhom l-istess tipi ta' diżabbiltà.

45. Għalhekk dawn id-domandi għandhom jiġu ttrattati flimkien, billi jiġi eżaminat, qabel xejn, jekk id-Direttiva 2000/78 tistax tapplika f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali.

46. Huwa veru li, kif jirrileva l-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 3(1)(ċ) tagħha, din id-direttiva tapplika, "fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-[Unjoni]", "għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi f'dak li jirrigwarda [...] il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, [li minnhom jagħmlu parti is-]sensji u paga". Għalhekk, is-sistema li għaliha ġiet suġġetta P. Milkova mill-entità pubblika li kienet timpjegaha, meta twaqqaf l-impjieg statali tagħha, tista' tkun koperta bil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmija direttiva b'dan il-mod. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li l-mard mentali li minnu ssofri l-persuna kkonċernata bla dubju jaqa' fil-kunċett ta' "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva 2000/78, kif ġie ddefinit mill-Qorti

tal-Ġustizzja [18].

47. Madankollu, bħall-Kummissjoni, jiena tal-opinjoni li d-Direttiva 2000/78 ma hijiex applikabbli għal kawża li għandha l-karatteristiċi tas-sitwazzjoni ta' P. Milkova, peress li l-kriterju li fuqu ġie bbażat it-trattament differenzjat li dwaru tilmenta l-persuna kkonċernata ma huwiex kopert bid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

48. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kawża prinċipali hija kkaratterizzata mill-fatt li l-persuna kkonċernata ġiet miċħuda mill-benefiċċju tal-leġiżlazzjoni Bulgara li tipproteġi b'mod speċjali lill-impjegati li għandhom mard bħall-problemi mentali, f'każ ta' waqfien tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom, mhux minħabba d-diżabbiltà li hija kellha, iżda sempliċement minħabba l-fatt li hija kienet uffiċjal u mhux ħaddiem impjegat kif mitlub minn din il-leġiżlazzjoni [19].

49. Il-qorti tar-rinviju tammetti li, f'dan il-każ, id-differenza ta' trattament ikkontestat ma hijiex ibbażata fuq il-"karatteristika personali" li tirrappreżenta d-diżabbiltà [20], iżda tistrieħ fuq il-fatt li ż-żewġ gruppi ta' persuni b'diżabbiltà li hawnhekk qegħdin kontra xulxin – impjegati b'diżabbiltà, minn naħa waħda, u uffiċjali b'diżabbiltà, min-naħa l-oħra – jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom f'kuntest legali distinti – tal-ewwel, bis-saħħa ta' kuntratt ta' xogħol, l-oħrajn, bis-saħħa ta' status ta' uffiċjal.

50. Madankollu, din il-qorti tikkunsidra li huwa possibbli li leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali bħal dawk applikabbli għall-kawża prinċipali jkunu inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni li jiżgura ugwaljanza fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol favur il-persuni kollha b'diżabbiltà. Din hija r-raġuni preċiża li għaliha hija titlob interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78.

51. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta kemm mit-titolu u mill-preambolu kif ukoll mill-kontenut u mill-għan tad-Direttiva 2000/78 li din tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex tiżgura lil kulħadd ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, billi toffri protezzjoni effikaċi kontra d-*diskriminazzjonijiet ibbażati fuq waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 1 tagħha* [21], fosthom id-diżabbiltà. B'hekk l-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprevedi espressament li d-diskriminazzjoni allegata għandha tkun "għall-[…] raġuni msemmija fl-Artikolu 1" sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument.

52. Issa, fost il-motivi ta' diskriminazzjoni speċifikatament immirati mid-Direttiva 2000/78, ma hemmx in-natura partikolari tar-relazzjoni ta' xogħol, kriterju li abbażi tiegħu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali bbażat it-trattament differenzjat li wassal sabiex hija tiġi eskluża mill-protezzjoni prevista fl-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol Bulgaru favur il-persuni impjegati b'diżabbiltà u li l-ġurisprudenza nazzjonali tiċħad l-estensjoni tagħha għall-uffiċjali.

18 — Jiġifieri "limitazzjoni, li tirriżulta b'mod partikolari minn defiċjenzi għal perijodu twil ta' natura fiżika, mentali jew psikika, li flimkien ma' diversi ostakoli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali bħall-ħaddiema l-oħra". Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs l-Italja (C-312/11, mhux ippubblikata, EU:C:2013:446, punt 56), u tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA (C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 — Ara l-punti 35 sa 38 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

20 — L-espressjoni "karatteristika personali" hija użata fl-Artikoli 4 u 21 tal-Att dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet. It-terminu "karatteristika" huwa użat fil-premessa 23 u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78, b'mod partikolari fir-rigward tad-diżabbiltà.

21 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punt 35); tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA (C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 50); tal-21 ta' Mejju 2015, SCMD (C-262/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:336, punt 18), u tat-28 ta' Lulju 2016, Kratzer (C-423/15, EU:C:2016:604, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 13 KE (li sar l-Artikolu 19 TFUE) li minnu tirriżulta d-Direttiva 2000/78 [22], il-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar ma għandux jiġi estiż b'analoġija, inkluż permezz ta' riferiment għall-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni [23], lil hinn mid-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq il-motivi li huma *elenkati b'mod eżawrjenti* fl-Artikolu 1 tagħha [24].

54. B'hekk, kriterju ta' differenza ġdid bħal, b'dan il-każ, it-tip ta' relazzjoni ta' xogħol li jorbot persuna b'diżabbiltà ma jistax jiżdied mal-motivi limitativi li abbażi tagħhom din id-direttiva tipprjobixxi kwalunkwe diskriminazzjoni. Minn dan jirriżulta li l-eventwali differenza ta' trattament bejn il-persunal uffiċjali ta' entità pubblika persunal irregolat minn regolamenti dwar il-persunal u l-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-settur pubbliku jew tas-settur privat, bħal dik li dwarha għamlet ir-rikors P. Milkova skont id-deċiżjoni tar-rinviju, ma taqax taħt il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif stabbilita fid-Direttiva 2000/78. F'dan is-sens, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà eskludiet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva d-differenzi ta' trattament magħmula skont il-kategorija soċjoprofessjonali li fiha jaqgħu l-persuni kkonċernati [25].

55. Nippreċiża li, fl-opinjoni tiegħi, is-sempliċi fatt li l-persuna kkonċernata hija persuna b'diżabbiltà ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex jagħmel applikabbli d-Direttiva 2000/78 f'din il-kawża. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-prinċipju ta' trattament ugwali stabbilit fl-imsemmija direttiva f[...]il-qasam [tal-impjieg u tax-xogħol] japplika mhux għal kategorija ta' persuni partikolari[, bħal persuni b'diżabbiltà,] iżda abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' [dan l-istrument] [26].

56. Anki jekk ġie aċċettat li l-portata tad-Direttiva 2000/78 ma għandhiex, fir-rigward tal-imsemmija motivi, tiġi interpretata b'mod restrittiv, fl-opinjoni tiegħi xorta jibqa' l-fatt li d-dispożizzjonijiet tagħha jirregolaw biss it-theddid għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, kif stabbiliti f'din id-direttiva, li huwa verament fondat, anki jekk b'mod indirett [27], fuq wieħed mill-fatturi ta' diskriminazzjoni possibbli li dan l-att jelenka f'lista eżawrjenti. Issa, dan ma huwiex il-każ fil-kawża prinċipali peress li, kif il-qorti tar-rinviju stess ikkonstatat, P. Milkova ġiet ittrattata b'mod differenti mhux minħabba d-diżabbiltà tagħha, l-uniku wieħed minn dawn il-motivi elenkati li jista' japplika f'dan il-każ, iżda minħabba l-istatus tagħha ta' uffiċjal.

22 — L-Artikolu 13 KE (li sar l-Artikolu 19 TFUE), li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-imsemmija direttiva, ta kompetenza lill-Komunità sabiex tieħu "azzjoni xierqa sabiex [t]iġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali", u din il-lista hija eżawrjenti. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman (C-303/06, EU:C:2008:415, punti 38 u 46), u tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et* (C-310/10, EU:C:2011:467, punt 35).

23 — Jitfakkar li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Ara s-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas (C-13/05, EU:C:2006:456, punt 56), u tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA (C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 32).

24 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman (C-303/06, EU:C:2008:415, punt 46); tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA (C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 36), u tal-21 ta' Mejju 2015, SCMD (C-262/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:336, punti 28 u 29).

25 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et* (C-310/10, EU:C:2011:467, punti 31 sa 36), u tal-21 ta' Mejju 2015, SCMD (C-262/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:336, punti 25 sa 31), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2000/78 ma tinkludix id-diskriminazzjonijiet soċjoprofressjonali, bħar-regolamenti tal-irtirar, jew dwar il-post tax-xogħol tal-persuni kkonċernati. Ara, b'analoġija, id-digriet tas-7 ta' Marzu 2013, Rivas Montes (C-178/12, mhux ippubblikat, EU:C:2013:150, punti 43 u 44), li minnu jirriżulta li differenzi fit-trattament bejn il-persunal irregolat minn regolamenti dwar il-persunal u l-membri tal-persunal bil-kuntratt ma jaqgħux taħt il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-ftehim qafas ETUC, UNICE u CEEP dwar kuntratti għal terminu fiss, li jinsab bħala anness mad-Direttiva 199/70/KE li tikkonċerna l-imsemmi ftehim qafas (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

26 — Ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman (C-303/06, EU:C:2008:415, punti 38 *et seq.*), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 ma jirriżultax li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li din hija intiża li tiżgura huwa limitat għall-persuni li huma stess għandhom diżabbiltà fis-sens ta' din id-direttiva.

27 — Fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman (C-303/06, EU:C:2008:415, punti 43 *et seq.*), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li t-tkeċċija ta' impjegat li ma għandux diżabbiltà xorta tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2000/78, meta jiġi pprovat li t-trattatment sfavorevoli li tiegħu l-impjegat huwa vittma, meta mqabbel ma' persuni oħra li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli għal tiegħu, huwa *bbażat fuq id-diżabbiltà tal-wild tiegħu*, li lilu l-persuna kkonċernata tagħti l-parti l-kbira tal-kura li huwa għandu bżonn.

57. Inżid li x-xogħol leġiżlattiv li sar fl-2008 sabiex jiġi emendat l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2000/78 ma jikkontestax din l-analiżi[28]. Fil-fatt, kien maħsub li tiġi estiża "barra mis-suq tax-xogħol"[29] l-implementazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, iżda mhux li titkabbar il-lista ta' raġunijiet ta' diskriminazzjoni li huma elenkati f'din id-direttiva b'mod limitat, filwaqt li jiġi osservat li l-proċess kien l-istess fir-rigward ta' żewġ direttivi oħra relatati man-nondiskriminazzjoni li fih anki dan l-abbozz ta' emendi kien jaqa'[30].

58. Bħala konklużjoni, peress li d-differenza tat-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bejn l-impjegati b'diżabbiltà u l-uffiċjali b'diżabbiltà hija bbażata fuq in-natura tar-relazzjonijiet ta' xogħol li jorbtu lil dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema vulnerabbli mal-persuna li timpjegahom u peress li dan il-kriterju ta' distinzjoni ma jinsabx fil-lista eżawrjenti ta' motivi ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, dan l-istrument, fl-opinjoni tiegħi, ma huwiex applikabbli f'sitwazzjoni bħal dik li wasslet għall-kawża li minnha hija adita l-qorti tar-rinviju.

59. F'tali ċirkustanzi, fl-opinjoni tiegħi, ma hemmx lok li tingħata interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 li huma msemmija fit-tieni u fit-tielet domandi preliminari. L-osservazzjonijeit segwenti għalhekk se jsiru biss f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tipproċedi għall-interpretazzjoni mitluba.

2. Fuq l-eventwali impatt tal-Karta f'din il-kawża

60. Il-qorti tar-rinviju ssemmi l-Karta fil-qosor fil-motivi tad-deċiżjoni tagħha, iżda mingħajr ma tispjega b'xi mod sa fejn dan l-istrument tad-dritt tal-Unjoni jista' jkollu rwol fir-rigward tal-fatti tal-kawża prinċipali. Hija ma tippreżenta l-ebda argument dwar l-impatt li jista' jkollha f'dan il-każ xi dispożizzjoni jew oħra minn dan l-att, li barra minn hekk ma huwiex is-suġġett tad-domandi magħmula. Lanqas l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jirreferu għalih[31].

61. Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li d-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta japplikaw biss fis-sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni u li l-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-informazzjoni kollha li tippermettilha tikkonkludi li s-sitwazzjoni kkontestata taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex hija tkun tista' tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Karta[32]. Peress li l-qorti tar-rinviju ma stabbilixxietx li r-regoli nazzjonali li jistgħu

28 — Ara l-proposta ta' Direttiva tal-Kunsill, tat-2 ta' Lulju 2008, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali [COM(2008) 426 finali, p. 2 u 7]. Nippreċiża li din il-proposta kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet ġodda fi ħdan il-Kunsill matul ix-xahar ta' Ġunju 2016.

29 — Jiġifieri f'oqsma minbarra dawk fl-isfera professjonali li huma l-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, l-edukazzjoni, l-aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni [ara l-premessa 9 u l-Artikolu 3 tal-proposta ta' direttiva, COM(2008) 426 finali, p. 14 u 19].

30 — Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23), u d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 153M p. 294), jipprojbixxu wkoll id-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq il-motivi li jsemmi b'mod speċifiku fit-titolu tagħhom.

31 — Il-Gvern Bulgaru jillimita ruħu sabiex jiċċita l-Artikolu 26 tal-Karta, relatat mal-"[i]ntegrazzjoni tal-persuni diżabbli", fit-taqsima tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu intitolata "kuntest ġuridiku", filwaqt li t-taqsima ekwivalenti tad-deċiżjoni tar-rinviju fiha ċitazzjoni tal-Artikoli 21 u 30 tal-Karta, li jirrigwardaw rispettivament in-"[n]on-diskriminazzjoni" u l-"[p]rotezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta".

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Hadj Ahmed (C-45/12, EU:C:2013:390, punti 56 u57).

jirregolaw il-mertu tal-kawża prinċipali[33] kellhom l-għan li jimplementaw direttament u speċifikatament dispożizzjonijiet partikolari tad-dritt tal-Unjoni, skont l-Artikolu 51 tal-Karta[34], il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-opinjoni tiegħi, għandha tikkunsidra li ma hemmx lok li teżamina l-konformità tal-imsemmija regoli mad-drittijiet fundamentali stabbiliti minn dan l-aħħar att[35].

62. Fuq kollox, eventwali interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni – f'dan il-każ, tal-Artikoli tad-Direttiva 2000/78 imsemmija fit-tieni u fit-tielet domandi preliminari – fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta – u b'mod iktar speċjali tal-Artikoli 20, 21, 26 jew 30 tagħha[36] – hija possibbli biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja, li hawnhekk jiddependu mill-kamp ta' appliazzjoni *ratione materiae* ta' din id-direttiva. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet eventwalment invokati tal-Karta ma għandhomx, waħidhom, ikunu l-bażi tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi rrikonoxxuta sitwazzjoni ġuridika li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[37].

63. Nirrileva li d-deċiżjoni tar-rinviju tenfażizza prinċipju li jipprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni eżerċitata kontra persuni b'diżabbiltà. F'dan ir-rigward, infakkar li meta l-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita minn domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni minħabba l-età kif stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta u kkonkretizzat bid-Direttiva 2000/78[38], din il-kwistjoni ġiet eżaminata esklużivament fir-rigward ta' din id-direttiva[39], b'mod partikolari fil-kuntest ta' kawżi bejn individwu u awtorità nazzjonali, kif inhu l-każ f'dan il-każ. Loġikament l-istess approċċ għandu jiġi adottat fir-rigward ta' prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba d-diżabbiltà, stabbilit ukoll fl-Artikolu 21 tal-Karta u kkonkretizzat bid-Direttiva 2000/78.

33 — Jiġifieri il-punt 3 tal-Artikolu 333(1), moqri flimkien mal-punt 2 tal-Artikolu 328(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, kif ukoll il-punt 2 tal-Artikolu 106(1) tal-Att dwar is-Servizz Ċivili, - kif interpretati mill-ġurisprudenza Bulgara.

34 — L-imsemmi Artikolu 51, li jiddefenixxi il-"[k]amp ta' applikazzjoni" tal-Karta, fil-paragrafu 1 tiegħi jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar "huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju […] għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni" u fil-paragrafu 2 tiegħu li l-Karta "ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni". Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, f'dan ir-rigward, li "[s]abiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt l-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, hemm lok li jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk hija għandhiex bħala għan li timplementa dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk hija ssegwix għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk hija tista' taffettwa indirettament lil din tal-aħħar, kif ukoll, jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista' taffettwah" (sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa, C-206/13, EU:C:2014:126, punt 25).

35 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punti 40 sa 43); tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa (C-206/13, EU:C:2014:126, punti 20 sa 33), u tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et.* (C-198/13, EU:C:2014:2055, punti 32 sa 37).

36 — Skont it-termini rispettivi tal-imsemmi Artikolu 20, "[k]ull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi", tal-imsemmi Artikolu 21(1), "[k]ull diskriminazzjoni bbażata fuq […] id-diżabbiltà […] għandha tkun projbita", tal-imsemmi Artikolu 26, "[l]-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni diżabbli li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità", u tal-imsemmi Artikolu 30, "[k]ull ħaddiem għandu d-dritt għall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta, skond il-liġi ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali".

37 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 40), u tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et.* (C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata), u d-digriet tat-23 ta' Frar 2016, Garzón Ramos u Ramos Martín (C-380/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:112, punt 25).

38 — Fis-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278, punti 23 u 24), il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li "*peress li d-Direttiva 2000/78* ma tistabbilixxix hija stess il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, iżda *tikkonkretizza dan il-prinċipju biss fil-qasam tal-impjiegi u tax-xogħol, il-portata tal-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva ma taqbiżx dik mogħtija minn dan il-prinċipju.* Il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ried, permezz tal-adozzjoni ta' din id-direttiva, *jiddefinixxi qafas iktar speċifiku*, intiż li jiffaċilita l-implementazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u, *b'mod partikolari jiddetermina diversi possibbiltajiet ta' deroga mill-imsemmi prinċipju* billi jqiegħed lil dawn f'qafas permezz ta' definizzjoni iktar ċara tal-qasam ta' applikazzjoni tagħhom". Hija żiedet li "sabiex [l-imsemmi] prinċipju japplika f'sitwazzjoni bħal dik tal-kawża prinċipali, jeħtieġ ukoll li din is-sitwazzjoni taqa' fil-kamp tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet li d-Direttiva 2000/78 tippreskrivi" (enfażi miżjud minni).

39 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 2014, Schmitzer (C-530/13, EU:C:2014:2359, punti 23 u 24); tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez (C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 25); tal-21 ta' Jannar 2015, Felber (C-529/13, EU:C:2015:20, punti 16 u 17), u tat-2 ta' Ġunju 2016, C (C-122/15, EU:C:2016:391, punti 18 u 28 sa 30).

64. Peress li din tal-aħħar ma hijiex, fl-opinjoni tiegħi, applikabbli f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, fejn id-differenza inkwistjoni hija bbażata fuq kriterju ieħor minbarra dawk elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 1 tagħha, kif diġà spjegat hawn fuq[40], nikkunsidra li d-dispożizzjonijit tal-imsemmija direttiva ma għandhomx ikunu suġġetti għal interpretazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta fil-kuntest ta' din il-kawża.

65. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, nikkunsidra, prinċiparjament, li ma hemmx lok li jiġu interpretati l-Artikoli 4 u 7 tad-Direttiva 2000/78 f'din il-kawża, lanqas fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta. Madankollu ser nippreżenta xi osservazzjonijiet b'mod sussidjarju f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix dan ir-raġunament.

3. Fuq l-interpretazzjoni sussidjarja tad-dispożizzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 2000/78

66. Preliminarjament, nirrileva li, fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Bulgaru ddedika argumenti twal dwar l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78[41], sabiex isostni li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċpali hija ammissibbli fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni[42]. Madankollu, peress li l-qorti tar-rinviju ma talbitx l-interpretazzjoni tagħha b'mod speċifiku[43], u lanqas fid-domandi preliminari ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, u ma tat ebda prova dwar dan is-suġġett, lanqas b'mod impliċitu[44], nikkunsidra li ma huwiex neċessarju li nagħti pożizzjoni, sempliċement b'mod sussidjarju, dwar dan il-punt. Sempliċement ninnota li, kif jammetti l-Gvern Bulgaru, l-imsemmi Artikolu 5(2) ġie interpretat b'mod ristrett fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi deroga għall-prinċipju ta' projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet[45].

67. Fir-rigward tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78, li huwa espressament imsemmi fit-tieni domanda preliminari, nosserva li l-qorti tar-rinviju ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar l-utilità, sabiex tiddeċiedi l-kawża li minnha kienet adita, li l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta din id-dispożizzjoni[46]. Kien biss il-Gvern Bulgaru li ppreżenta osservazzjonijiet fir-rigward tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li fihom ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod ristrett peress li tippermetti deroga għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni[47] u jiddikjara li dan il-paragrafu jawtorizza l-leġiżlazzjoni nazzjonali hawn ikkonċernata[48].

40 — Ara l-punti 51 *et seq.* ta' dawn il-Konklużjonijiet.

41 — Skont l-imsemmi paragrafu 5, id-Direttiva 2000/78 "m'għandhiex tippreġudika dawk il-miżuri stabbiliti bil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għas-sigurtà pubblika, għall-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn".

42 — Dan il-gvern isostni, b'mod partikolari, li "l-istabbiltà, stabbilita fl-Att dwar is-Servizz Pubbliku, tal-post tax-xogħol irregolat minn regolamenti tal-persunal tiżgura l-implementazzjoni effettiva u prevedibbli tal-funzjonijiet ta' awtorità pubblika fl-interess tas-soċjetà kif ukoll għaż-żamma tal-ordni pubbliku".

43 — Huwa veru li, kif jindika dan il-gvern, it-tieni domanda preliminari tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk "l-Artikolu 4 u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva [2000/78] jippermettu" tali regola nazzjonali, iżda jiena nikkunsidra li din l-espressjoni tirrigwarda prinċiparjament l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4, flimkiem ma' dispożizzjonijiet oħra ta' din id-direttiva.

44 — Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeduċi mill-provi kollha prodotti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża (b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Doc Generici, C-452/14, EU:C:2015:644, punt 34 u tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium, C-492/14, EU:C:2016:732, punt 43), iżda dawn l-elementi jidhirli li huma neqsin f'dan il-każ fir-rigward tal-eventwali interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 2(5).

45 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013, Hay (C-267/12, EU:C:2013:823, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 — Issa, skont l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali tagħti spjegazzjonijiet bażiċi għar-raġunijiet tal-għażla tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li talbet l-interpretazzjoni tagħhom kif ukoll ir-rabta li hija stabbilixxiet bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2016, Safe Interenvíos, C-235/14, EU:C:2016:154, punt 115, u tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov, C-614/14, EU:C:2016:514, punti 19 u 20).

47 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez (C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 — Dan il-gvern jibbaża l-argument tiegħu f'dan ir-rigward fuq "il-protezzjoni eżistenti tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, stabbilita fl-Att dwar is-Servizz Pubbliku" u fuq "il-ħtieġa li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa li jippermettu lill-amministrazzjoni pubblika twettaq b'mod effettiv u prevedibbli l-funzjonijiet tagħha fl-interess tas-soċjetà".

68. Minn naħa tiegħi, fir-rigward tal-fatti tal-kawża prinċipali, ma tantx nara kif l-eventwali applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78 tista' sseħħ f'dan il-każ, u għalhekk l-interpretazzjoni utili tiegħu għall-mertu. Fil-fatt, dan l-artikolu jippermetti li differenza fit-trattament tista' ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni "meta, *minħabba n-natura ta' attivitajiet partikulari tax-xogħol ikkonċernati jew il-kuntest li fihom jitwettqu*, din il-karatteristika tikkostitwixxi *ħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol*, sakemm l-għan ikun leġittimu u proporzjonat"[49]. Issa l-leġiżlazzjoni Bulgara inkwistjoni tistabbilixxi differenza fit-trattament inkwantu tipproteġi b'mod speċjali lill-impjegati, u mhux lill-uffiċjali, iżda hija għandha l-karatteristika li tapplika wkoll għall-impjegati li jaħdmu fis-settur pubbliku, li jistgħu għalhekk jeżerċitaw l-istess attivitajiet professjonali bħal uffiċjali. B'hekk, il-fattur tad-differenza inkwistjoni ma huwiex relatat ma' "karatteristika" li hija "relatata ma' kwalunkwe bażi msemmija fl-Artikolu 1 [tad-Direttiva 2000/78]" u li tikkostitwixxi "ħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol", skont il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 4 li ġew iddefiniti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[50].

69. Fi kwalunkwe każ, jidhirli li l-kontenut ta' dan l-Artikolu 4, kif interpretat fis-sentenzi preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, bl-ebda mod ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li tali leġiżlazzjoni nazzjonali hija inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

70. Fir-rigward tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/78, li huwa s-suġġett tat-tielet domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tindika li "huwa diffiċli li jkun magħruf sa fejn id-dispożizzjonijiet adottati mir-Repubblika tal-Bulgarija, li jirrappreżentaw miżuri ta' protezzjoni speċifiċi għal persuni b'diżabbiltà, iżda biss ta' dawk li huma impjegati f'servizz pubbliku, ekwivalenti għal azzjoni pożittiva fis-sens [tal-imsemmi] Artikolu 7".

71. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-paragrafu 1 tal-imsemmi Artikolu 7 jipprevedi li "il-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament m'għandux iżomm lil Stat Membru milli jikkonserva jew jadotta miżuri speċifiċi biex jipprevjeni jew jikkompensa għal żvantaggi marbuta ma' xi waħda mill-bażijiet imsemmija fl-Artikolu 1", u dan, sabiex "tiġi żgurata l-ugwaljanza kompleta fil-prattika"[51]. Il-paragrafu 2 ta' dan l-istess Artikolu 7 isaħħah din il-possibbiltà li jittieħdu miżuri ta' azzjoni pożittivi b'mod speċjali favur persuni b'diżabbiltà[52], meta tali miżuri għandhom l-għan li jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol jew il-promozzjoni tal-integrazzjoni tagħhom fid-dinja tax-xogħol[53].

49 — Enfażi miżjud minni. Bl-istess mod il-premessa 17 tad-Direttiva 2000/78 tistabblixxi li din "ma teħtieġx ir-reklutaġġ, il-promozzjoni, iż-żamma fl-impjieg jew fit-tħarriġ ta' individwu li mhuwiex kompetenti, kapaċi u disponibbli biex jaqdi l-funzjonijiet essenzjali tax-xogħol konċernat jew biex jgħaddi minn taħrig relevanti, mingħajr prejudizzju għall-obbligu biex jiġu pprovduti arranġamenti raġonevoli għall-persuni b'dizabilitajiet".

50 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et* (C-447/09, EU:C:2011:573, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 — Ara wkoll il-premessa 26 tad-Direttiva 2000/78.

52 — Fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman (C-303/06, EU:C:2008:415, punti 40 u 42), il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li dawn huma " dispożizzjonijiet li jirrigwardaw miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva favur il-persuna b'diżabbiltà nfisha".

53 — Mill-Artikolu 2(2)(ii) tad-Direttiva 2000/78 jirriżulta li tali miżuri meħuda favur persuni b'diżabbiltà ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni indiretta.

72. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jippreżervaw is-sovranità tal-Istati Membri[54], jirrikonoxxu lil dawn tal-aħħar il-fakultà, u mhux l-obbligu, li jaġixxu sabiex jikkoreġu b'mod pożittiv l-inugwaljanzi li jeżistu fir-realtà. Fil-fatt, kif dan ġie rrilevat fil-kuntest tax-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2000/78[55], "l-ugwaljanza fit-trattament fiha nnifisha tista' ma tkunx biżżejjed jekk ma twassalx għal ugwaljanza fir-realtà"[56] [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "tista' tfisser ukoll li jiġu rrikonoxxuti drittijiet speċjali għal gruppi ta' persuni partikolari"[57] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

73. Bħall-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni, nikkunsidra li, jekk leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi kkunsidrata mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/78, u b'mod partikolari tal-paragrafu 2 kif isostni dan il-gvern[58], xejn ma jindika f'dawn id-dispożizzjonijiet li Stat Membru ma jistax jillimita għal grupp speċifiku ta' persuni, f'dan il-każ dawk li huma impjegati, il-benefiċċju tal-miżuri li huwa adotta bil-għan li jipproteġi s-saħħa tagħhom[59].

74. Konsegwentement, nikkusidra, b'mod sussidjarju, li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tipproċedi għall-interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 7 tad-Direttiva 2000/78, dawn għandhom ikunu fis-sens li ma jippreklududx tali leġiżlazzjoni.

## C – *Fuq l-effett limitat tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà (l-ewwel domanda)*

### 1. Fuq il-kliem tal-ewwel domanda preliminari

75. Qabel xejn, l-ewwel domanda preliminari, li tirrigwarda l-punt dwar jekk "l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni [tan-NU dwar id-diżabbiltà] jippermetti[x] leġiżlazzjoni [nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali]," tidher li tikkonsisti f'talba li saret bil-għan li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti interpretazzjoni ta' dispożizzjoni li la taqa' fid-dritt primarju u lanqas fid-dritt sekondarju tal-Unjoni. Issa, tali interpretazzjoni ma taqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267(1) TFUE.

54 — Jidhirli li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/78 ipoġġi barra mill-isfera ta' intervent ta' din tal-aħħar il-miżuri ta' diskriminazzjoni pożittivi, fir-rigward ta' liema l-premessa 27 tagħha tfakkar li "il-Kunsill stabbilixxa qafas ta' gwida li jistabbilixxi eżempji ta' azzjoni pożittiva biex tippromwovi l-impjieg u t-taħriġ ta' persuni b'diżabilità, u fir-Reżoluzzjoni tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar opportunitajiet ta' mpjieg ugwali għall-persuni b'diżabilitajiet, iddikjarat l-importanza li tingħata attenzjoni speċifika fost affarijiet oħra lir-reklutaġġ, lid-detenzjoni, lit-taħriġ u t-tagħlim kontinwu għar-rigward ta' persuni b'diżabilità [fir-Rakkomandazzjoni [tiegħu] 86/379 [...] il-Kunsill stabbilixxa qafas ta' gwida li jistabbilixxi eżempji ta' azzjoni pożittiva biex tippromwovi l-impjieg u t-taħriġ ta' persuni b'diżabilità [...]".

55 — Ara l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-Artikolu 6 (li sar l-Artikolu 7) tal-proposta li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva [COM(1999) 565 finali], li jirreferu għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-azzjonijiet pożittivi favur in-nisa (dwar dan is-suġġett, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, Marschall, C-409/95, EU:C:1997:533, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-28 ta' Marzu 2000, Badeck *et*, C-158/97, EU:C:2000:163, punt 23).

56 — Fil-proposta tagħha għall-emenda tad-Direttiva [COM(2008) 426 finali, p. 10], il-Kummissjoni tfakkar li huwa spiss li "ugwaljanza formali ma twassalx għal ugwaljanza fil-prattika" u hija tenfażizza li dispożizzjonijiet ekwivalenti, li jirrigwardaw l-"azzjoni pożittiva" jinsabu fid-direttivi kollha li huma bbażati fuq l-Artikolu 13 KE (li sar l-Artikolu 19 TFUE) li huma relatati man-nondiskriminazzjoni.

57 — Ġie wkoll irrilevat li "l-azzjonijiet pożittivi jippermettu li tintlaħaq mhux ugwaljanza formali "ikkunsidrata bħala ugwaljanza fit-trattament bejn individwi li jappartjenu għal gruppi differenti", iżda ugwaljanza sostanzjali, ikkunsidrata bħala ugwaljanza bejn il-gruppi, ugwaljanza kollettiva" (ara taħt il-koordinazzjoni ta' Martin, D., Morsa, M., Gosseries, P., u Buelens, J., *Droit du travail européen: questions spéciales*, Larcier, Bruxelles, 2015, p. 539).

58 — F'dan ir-rigward, madankollu nfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Buglaru kkonċernati għandhom l-għan li jipproteġu lill-ħaddiema milquta minn waħda mill-mardiet imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, u mhux speċifikatament lil persuni b'diżabbiltà bħala tali (ara l-punti 17 u 18 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-Konklużjonijiet).

59 — Ara l-punt 35 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

76. Madankollu, mill-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din id-domanda hija ġġustifikata minħabba l-ħtieġa li l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 ssir skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[60]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija Konvenzjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 5(2) tagħha[61], tirrikjedi "protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-*diskriminazzjoni fuq kull bażi* fil-konfront ta' persuni b'diżabbiltà, *u mhux biss abbażi ta' ċerti karatteristiċi personali*, li jistgħu jiġu protetti, *kif previsti mid-dritt sekondarju tal-Unjoni*"[62].

77. L-ewwel domanda għandha għalhekk tiġi mifhuma bħala li tfittex li tistabbilixxi, essenzjalment, jekk interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 fid-dawl ta' din il-konvenzjoni tippermettix li jiġi kkunsidrat li d-dritt tal-Unjoni jipprekludu leġiżlazzjoni bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inkwantu toħloq differenza ta' trattament bejn impjegat u uffiċjal li għandu l-istess tip ta' diżabbiltà, minkejja li l-kriterju użat f'din il-leġiżlazzjoni ma huwiex id-diżabbiltà, iżda d-differenza tan-natura tar-relazzjoni ta' xogħol li torbot lil dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni b'diżabbiltà mal-persuna li timpjegahom, u dan minkejja li dan l-aħħar kriterju ma jidhirx fil-lista ta' motivi ta' diskriminazzjoni pprojbiti li hija indirizzata b'mod limitat fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

78. F'dan il-punt nippreċiża li dan il-bżonn ta' riformulazzjoni[63] japplika wkoll għal parti tar-raba' domanda preliminari, inkwantu din tal-aħħar issemmi "sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet internazzjonali", li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tidher li qed tirreferi – anki jekk ma spjegatx fit-talba tagħha f'dan ir-rigward – b'mod iktar partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà u l-impatt li għandu l-obbligu li tkun konformi ma' dan it-test fir-rigward tal-motivi li għandhom jiġu implementati sabiex tiġi rimedjata l-eżistenza eventwali ta' diskriminazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipal[64].

2. Fuq il-portata limitata tal-effetti tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni

79. Fir-risposta tiegħu bil-miktub għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Bulgaru sostna li mill-Artikolu 5(2) u (4), moqri flimkien mal-Artikolu 27(1)(g) u (h)[65], kif ukoll mal-Artikolu 4(1)(d) u (e)[66] tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, jirriżulta li din tal-aħħar tagħmel differenza bejn l-obbligi fuq l-Istati fir-rigward tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà fis-settur pubbliku u l-obbligi tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-istess kategorija ta' persuni fis-settur privat,

60 — Dwar dan is-suġġett, il-qorti tar-rinviju tirreferi espressament għas-sentenza tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159).

61 — Skont l-imsemmi paragrafu 2, "[l]-Istati Partijiet għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà[, iżda wkoll] *jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà protezzjoni legali* li hija ugwali u effettiva *kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi*" (enfażi miżjud minni).

62 — Enfażi miżjud minni.

63 — Jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha din il-fakultà li tifformula d-domandi magħmula, sabiex tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni li minnha hija adita (b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Hewlett-Packard Europe, C-361/11, EU:C:2013:18, punt 35).

64 — Ara wkoll il-punti 96 *et seq.*ta' dawn il-Konklużjonijiet.

65 — L-imsemmija punti (g) u (h) jipprevedu li l-partijiet ta' din il-konvenzjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa, b'mod partikolari, sabiex "[i]ħaddmu persuni b'diżabbiltà fis-settur pubbliku" u sabiex "[j]ippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà fis-settur privat".

66 — L-imsemmija punti (d) u (e) jipprevedu li l-partijiet ta' din il-konvenzjoni jobbligaw ruħhom, b'mod partikolari, sabiex "jiżguraw li l-awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi jaġixxu f'konformità [magħha]" u sabiex "[j]ieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jeqirdu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew intrapriża privata".

u li għalhekk jista' jsir użu minn tali kriterju ta' distinzjoni fir-regoli ta' dritt nazzjonali[67]. Skont dan il-gvern, minħabba l-partikolaritajiet tar-relazzjoni ta' xogħol tal-uffiċjali[68], il-leġiżlazzjoni Bulgara ma toħloqx lakuna ġuridika li teħtieġ l-applikazzjoni b'analoġija ta' din il-miżura ta' protezzjoni favur dawn tal-aħħar fil-każ previst fil-punt 2 tal-Artikolu 106(1) tal-Att dwar is-Servizz Pubbliku.

80. Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 u fin-nuqqas ta' regoli oħra adottati mill-Unjoni li huma applikabbli, ikun l-Istat Membru kkonċernat, jiġifieri r-Repubblika tal-Bulgarija, li jiżgura l-osservanza tar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, li jistgħu jkunu invokati kontra tiegħu bħala parti kontraenti ta' din tal-aħħar.

81. Dwar dan is-suġġett, infakkar, bħall-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet b'mod ripetut li peress li l-Unjoni Ewropea approvat il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar jagħmlu parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni[69], u dan sa mid-dħul fis-seħħ tal-imsemmija konvenzjoni[70].

82. Kuntrarjament għal dak li P. Milkova tindika, fir-risposta bil-miktub tagħha għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja[71], minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-obbligi imposti bl-imsemmija konvenzjoni jkopru l-parti kontraenti u li peress li d-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar huma suġġetti, fl-eżekuzzjoni tagħhom u fl-effetti tagħhom, għall-intervent ta' atti oħra rilevanti tal-partijiet kontraenti[72], ma jikkostitwixxux, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, dispożizzjonijiet inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed, u minn dan jirriżulta li ma għandhomx effett dirett fid-dritt tal-Unjoni[73].

83. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-appendiċi mal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/48 isemmi espressament id-Direttiva 2000/78 fost l-"atti tal-Unjoni li jirreferu għal materji regolati mill-Konvenzjoni [tal-UN dwar id-diżabbiltà]", fil-qasam, b'mod iktar partikolari "tal-għajxien indipendenti u l-inklużjoni soċjali, ix-xogħol u l-impjiegi". Kif jindika l-Gvern Bulgaru

67 — F'dan ir-rigward, qabel xejn noġġezzjona li ma huwiex korrett li jiġi kkunsidrat li d-diskriminazzjoni invokata fil-kawża prinċipali hija bbażata fuq distinzjoni bejn il-persuni b'diżabbiltà impjegati fis-settur pubbliku u dawk li jaħdmu fis-settur privat (ara wkoll il-punt 38 ta' dawn il-Konklużjonijiet).

68 — F'dawn l-osservazzjonijiet bil-miktub relatati mal-*ewwel domanda preliminari*, il-Gvern Bulgaru ppreżenta argument li jipprovdi li s-sitwazzjoni tal-uffiċjali ma tkun komparabbli ma' dik tal-impjegati, sabiex minn dan jiġi dedott li għalhekk ma jkunx "neċessarju li jiġu eżaminati d-domandi preliminari l-oħra". F'dan ir-rigward, ninnota sempliċement li t-test tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet tal-kategoriji ta' persuni kkonċernati ikun rilevanti sabiex jiġi vverifikat jekk teżistix diskriminazzjoni diretta, f'din il-kawża, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78. Madankollu, dawn l-argumenti huma ineffettivi, u fl-opinjoni tiegħi ma hemmx lok li jiġu analizzati, peress li nikkunsidra li din id-direttiva lanqas għandha tiġi applikata fir-rigward ta' kawża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

69 — Għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni ma aderixxietx magħhom, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi adottat fis-16 ta' Diċembru 1996 mill-Assemblea Ġenerali tal-Nazzjonijiet Uniti (ara s-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Kunsill tal-Ministri, C-543/14, EU:C:2016:605, punt 23).

70 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punt 30); tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159, punt 73), u tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 68).

71 — Skont P. Milkova, l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà – li jiżgura lil persuni b'diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi – huwa applikabbli, minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni toħloq obbligi preċiżi, ċari u inkundizzjonati biżżejjed, u minnha jirriżulta li l-Att dwar is-Servizz Pubbliku Bulgaru għandu jiġi emendat.

72 — B'hekk, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/48 fih dikjarazzjoni dwar il-portata tal-kompetenza tal-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet irregolati bil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà kif ukoll appendiċi li fih lista ta' atti tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardw kwistjonijiet irregolati minn din il-konvenzjoni.

73 — Peress li dan il-ftehim internazzjonali jippreżenta n-natura ta' programm għall-partijiet kontraenti, minnu jirriżulta, b'mod partikolari, li huwa impossibbli li jsir stħarriġ tal-validità ta' att tad-dritt tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2000/78, fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-NU dwar id-diżabbiltà. Ara s-sentenzi tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159, punti 85 sa 90), u tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 69).

fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja minnu ddeduċiet li l-imsemmija konvenzjoni tista' tiġi invokata sabiex tiġi interpretata d-Direttiva 2000/78, li għandha tkun suġġetta, sa fejn possibbli, għal interpretazzjoni konformi ma' din il-konvenzjoni, minħabba s-supremazija tal-ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq it-testi ta' dritt sekondarju [74].

84. B'hekk, wara r-ratifika mill-Unjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja adattat id-definizzjoni tagħha tal-kunċett ta' "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva 2000/78, billi rriproduċiet it-terminoloġija użata fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-imsemmija konvenzjoni [75], u hija ddefinixxiet il-kunċett ta' "arranġamenti raġonevoli" fis-sens tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva [76], billi ħadet inkunsiderazzjoni l-kliem tar-raba' inċiż tal-Artikolu 2 ta' din l-istess konvenzjoni [77].

85. Madankollu, nikkunsidra li, f'din il-kawża, ma hemmx lok li tiġi interpretata d-Direttiva 2000/78 fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, peress li, fl-opinjoni tiegħi l-kawża prinċipali, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, u dan għar-raġunijiet hawn fuq esposti [78]. L-osservazzjonijiet segwenti ser isiru għalhekk sempliċement b'mod sussisdjarju, għas-saħħa tal-kompletezza.

### 3. Fuq l-interpretazzjoni sussidjarja tad-Direttiva 2000/78 fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà

86. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, sabiex tistabbilixxi jekk il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2000/78 jistax jiġi kkonċepit b'mod estensiv fid-dawl tal-kontenut tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà [79].

87. Fir-risposta bil-miktub tagħha għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni indikat li l-imsemmi Artikolu 5(2) huwa intenzjonat sabiex jispjega, fir-rigward tad-diżabbiltà, il-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni li jissemmew fil-paragrafu (1) tal-istess artikolu. Hija ddikjarat li din id-dispożizzjoni ma tagħtix protezzjoni iktar estiża minn dik diġà offerta bl-Artikoli 2 u 5 tad-Direttiva 2000/78 [80]. Barra minn hekk, hija sostniet li l-prinċipju ta' "protezzjoni legali [ta' persuni b'diżabbiltà] li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi" iddikjarat fl-imsemmi paragrafu 2 ikun applikabbli biss meta d-diskriminazzjoni hija bbażata fuq id-diżabbiltà, li ma huwiex il-każ f'dan il-każ skont il-Kummissjoni.

74 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punti 29, 31 u 32); tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159, punti 72, 74 u 75), u tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punti 68 u 70).

75 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punti 36 sa 39); tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA (C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 53), u tas-26 ta' Mejju 2016, Invamed Group *et* (C-198/15, EU:C:2016:362, punt 33), u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża Daouidi (C-395/15, EU:C:2016:371, punt 40 u d-duttrina ċċitata). Fir-"Rapport tal-2014 dwar l-Applikazzjoni tal-[Karta]" (COM[2015] 191 finali, p. 14), il-Kummissjoni enfażizzat "[b]illi ma hemm l-ebda obbligu legali fil-Karta li tiġi allinjata l-interpretazzjoni tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, il-QtĠ-UE tirreferi għal strumenti għal interpretazzjoni ta' drittijiet skont il-liġi tal-UE", u b'mod partikolari għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà.

76 — Skont l-imsemmi Artikolu 5, il-persuna li timpjega għandha tieħu inkunsiderazzjoni miżuri xierqa, b'mod partikolari, sabiex jippermettu lil persuna b'diżabbiltà jkollha aċċess għal impjieg, teżerċitah u tavvanza fih, ħlief jekk dawn il-miżuri jimponu fuq il-persuna li timpjega obbligu sproporzjonat.

77 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punti 48 *et seq.*), u tal-4 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-312/11, mhux ippubblikata, EU:C:2013:446, punt 58).

78 — Ara l-punti 44 *et seq.* ta' dawn il-Konklużjonijiet.

79 — Dwar dan is-suġġett, ara l-punti 76 u 77 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

80 — L-imsemmija Artikoli 2 u 5 huma relatati rispettivament mal-"[k]unċett ta' diskriminazzjoni" u mal-"[a]rranġamenti raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà".

88. Fl-opinjoni tiegħi, nirrileva li kemm mill-Artikolu 2[81] u mill-Artikolu 4[82] tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà jirriżulta li din tipprojbixxi speċifikatament *id-diskriminazzjonijiet* ta' kull xorta li huma *bbażati fuq id-diżabbiltà*[83]. L-istess japplika, b'mod partikolari,[84], għall-Artikolu 27 ta' din il-Konvenzjoni, li l-paragrafu 1(a) tiegħu jipprojbixxi "diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw kull forma ta' impjieg", u b'mod partikolari fir-rigward tat-"tkomplija ta' impjieg", li jinkludi eventwali protezzjoni f'każ ta' waqfien ta' relazzjoni ta' xogħol. Issa, id-differenza fit-trattat użat mid-dispożizzjonijiet ta' dritt Bulgaru inkwisjtoni fil-kawża prinċipali hija bbażata fuq in-natura tar-relazzjoni ta' xogħol, u mhux fuq id-diżabbiltà li għandha P. Milkova.

89. Fuq kollox, nikkunsidra li l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà hija intiża sabiex tiżgura *trattament ugwali mhux bejn il-kategoriji kollha ta' persuni b'diżabbiltà*, iżda bejn il-persuni li għandhom diżabbiltà u dawk li ma għandhomx l-istess inkapaċità. Fil-fatt, minn bosta dispożizzjonijiet tal-imsemmija konvenzjoni jirriżulta li din hija intiża sabiex tiffavorixxi *l-ugwaljanza ta' persuni b'diżabbiltà "ma' oħrajn"*[85]. Dan il-punt ta' paragun estern[86] deher fl-Artikolu 1(2) tagħha, li jiddefinixxi l-għan tal-imsemmija konvenzjoni, u b'mod partikolari dak li għandu jinftiehem bil-kunċett ta' "persuni b'diżabbiltà", billi ssemmi b'mod espress "ugwali ma' ħaddieħor"[87]. Hemm varjant fl-Artikolu 7 tagħha li jsemmi "ugwali ma' tfal oħrajn"[88]. Bl-istess mod, l-Artikolu 2 tagħha jagħti definizzjoni tad-"[d]iskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà" billi jirreferi għal użu tad-drittijiet u libertajiet msemmija li għandhom jitgawdew mill-persuni b'diżabbiltà "fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor"[89]. Din l-aħħar espressjoni hija riprodotta f'sensiela twila ta' artikoli tal-imsemmija konvenzjoni li tirrigwarda d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà li din għandha bil-għan li tippromwovi u tipproteġi kif ukoll tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tagħhom[90], u b'mod iktar speċifiku f'dan il-każ, fl-Artikolu 27 tagħha relatat max-xogħol u l-impjieg[91].

81 — Li jiddefinixxi biss "[d]iskriminazzjoni *fuq il-bażi ta'* diżabbiltà" (enfażi miżjud minni).

82 — Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1), "[l-]-Istati Partijiet jintrabtu li jiżguraw u jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha għall-persuni b'diżabbiltà kollha *mingħajr diskriminazzjoni ta' ebda tip fuq il-bażi ta' diżabbiltà*" (enfażi miżjud minni). Il-punt (e) ta' dan il-paragrafu jikkonferma din il-perspettiva.

83 — Anki jekk xi dispożizzjonijiet tal-imsemmija konvenzjoni jsemmu motivi oħra potenzjali ta' diskriminazzjoni [ara, b'mod partikolari, il-premessi p) u s) kif ukoll l-Artikolu 8(1)(b)].

84 — Ara wkoll, b'mod partikolari, il-premessa (h) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 25 u l-Artikolu 28(1) u (2) tal-imsemmija konvenzjoni.

85 — Ninnota li ċerti dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-konvenzjoni (ara l-Anness I tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat inkarigat mir-redazzjoni tal-konvenzjoni inkwistjoni, ippubblikat fis-27 ta' Jannar 2004, UN Doc. A/AC.265/2004/WG.1) kellhom il-kliem "b'mod ekwu", li huma inqas espliċiti minn dawk li jinsabu fit-test finali. Dan kien il-każ tal-Artikoli 1 u 7(2) u tal-Artikoli 18, 21 u 24 tal-imsemmi abbozz. Għall-kuntrarju, l-Artikoli 9, 13 u 14 kienu jispeċifikaw "b'mod ekwu bħall-persuni l-oħra" (enfażi miżjud minni).

86 — In-"natura relattiva" tad-dritt għall-ugwaljaza kif previst mill-imsemmija konvenzjoni ġiet enfażizzata minn Waddington, L., "Equal to the Task? Re-Examining EU Equality Law in the Light of the United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities", *European Yearbook of Disability Law*, *Volume 4*,taħt id-direzzjoni ta' Quinn, G., Waddington, L., u Flynn, E., Intersentia, Cambridge, 2013, p. 177.

87 — Definizzjoni analoga ta' dan il-kunċett tinsab fil-punt e) tal-preambolu tal-imsemmija konvenzjoni.

88 — Ara, ukoll, il-punt r) tal-preambolu tal-imsemmija konvenzjoni.

89 — "*Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà*" tfisser kwalunkwe *distinzjoni*, esklużjoni jew restrizzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà li għandha l-għan jew effett li tfixkel jew ixxejjen l-għarfien, it-tgawdija jew l-eżerċitar, *fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor*, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha (enfażi miżjud minni).

90 — Dawn huma l-Artikolu 9 dwar l-aċċessibbiltà; l-Artikolu 10 dwar id-dritt għall-ħajja; l-Artikolu 12 dwar l-għarfien ugwali quddiem il-liġi; l-Artikolu 13 dwar l-aċċess għall-ġustizzja; l-Artikolu 14 dwar il-libertà u sigurtà tal-persuna; l-Artikolu 15 dwar il-ħelsien mit-tortura u mit-trattament jew kastig krudili, inumani jew degradanti; l-Artikolu 17 dwar il-protezzjoni tal-integrità tal-persuna; l-Artikolu 18 dwar il-libertà tal-moviment u tan-nazzjonalità; l-Artikolu 19 dwar l-għajxien indipendenti u inklużjoni fil-komunità; l-Artikolu 21 dwar il-libertà tal-espressjoni u l-opinjoni, u aċċess għall-informazzjoni; l-Artikolu 22 dwar ir-rispett għall-privatezza; l-Artikolu 23 dwar ir-rispett għad-dar u l-familja; l-Artikolu 24 dwar l-edukazzjoni; l-Artikolu 29 dwar il-parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika, u l-Artikolu 30 dwar il-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, rikreazzjoni, ħin liberu u sport.

91 — Il-kliem tal-imsemmi Artikolu 27(1) huwa parzjalment riprodott fil-punt 9 ta' dawn il-Konklużjonijiet. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, "[l]-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà […] jkunu protetti, *fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor*, minn xogħol imġiegħel jew obbligatorju" (enfażi miżjud minni).

90. Formula analoga ġiet użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha dwar il-kunċetti li jinsabu fid-Direttiva 2000/78 li kienu s-suġġett ta' interpretazzjoni konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, bħall-kunċett ta' "diżabbiltà" jew dak ta' "arranġamenti raġonevoli". Dwar dan is-suġġett, il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament għamlet riferiment għal "xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' [persuna b'diżabbiltà] fil-ħajja professjonali *fuq il-bażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra*"[92], u mhux l-ugwaljanza bejn diversi kategoriji ta' persuni b'diżabbiltà. Jidhirli li kien fl-istess perspettiva li l-Unjoni rratifikat l-imsemmija konvenzjoni[93].

91. Jiena nikkunsidra għalhekk li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà ma humiex intenzjonati sabiex jinkludu sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li, fi kwalunkwe każ, interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 li hija konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhiex twassal sabiex tikkontesta n-natura eżawrjenti tal-motivi ta' diskriminazzjoni li huma stipulati fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva[94], b'mod li magħhom jiżdied il-motiv relatat man-natura differenti tar-relazzjonijiet ta' xogħol li jorbot liż-żewġ kategoriji ta' persuni b'diżabbiltà.

92. Għalhekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'din il-kawża, li huwa neċessarju li tinterpreta d-Direttiva 2000/78 skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, il-kunsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq jimplikaw, fl-opinjoni tiegħi, li l-kunċett ta' "diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà" fis-sens ta' din id-direttiva huwa ddefinit bħala li jirreferi għall-każ fejn persuni li għandhom diżabbiltà jkunu suġġetti għal trattament inqas favorevoli jew jsofru żvantaġġ partikolari *meta mqabbla ma' "oħrajn"*, jiġifieri persuni li ma għandhomx din il-karatteristika iżda li jinsabu fir-rigward tal-kumplament f'sitwazzjoni ekwivalenti għal dawk tal-ewwel. Bl-istess mod, dejjem għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva, "il-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament" għandu jkun ikkonċepit, fir-rigward tal-persuni li għandhom diżabbiltà, bħala li jiżgura l-ugwaljanza ta' dan il-grupp ta' persuni meta mqabbla mal-persuni li ma għandhomx tali inkapaċità permanenti.

93. Finalment, ninnota, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-każ inkwistjoni, li minn l-ebda dispożizzjoni tal-imsemmija konvenzjoni li torbot lill-Istati kontraenti ma jirriżulta obbligu li persuna b'diżabbiltà għandha tinżamm kemm jista' jkun fil-post tax-xogħol tagħha meta dan ikun tneħħa, b'tali mod li P. Milkova setgħet tibbenefika mit-trattament iktar favorevoli li hija talbet.

94. Anki jekk l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà jsemmi sitwazzjonijiet mhux koperti mid-Direttiva 2000/78, kif jidher li tikkunsidra l-qorti tar-rinviju, fl-opinjoni tiegħi dan ma jagħmilx differenza, peress li d-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni ma humiex direttament applikabbli fid-dritt tal-Unjoni[95] u li għalhekk ma humiex intiżi sabiex ikollhom effett fir-rigward tal-imsemmija direttiva ħlief permezz ta' interpretazzjoni konformi tad-dispożizzjonijiet tagħha, li jiddefinixxu huma stess il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

95. Bħala konklużjoni, nikkunsidra, prinċiparjament, li ma hemmx lok li tiġi interpretata d-Direttiva 2000/78 fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà u, b'mod sussidjarju, li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-opinjoni tiegħi, ikun jaqbel li tipproċedi għal din l-interpretazzjoni billi tikkunsidra li l-imsemmija konvenzjoni għandha bħala għan li tiżgura trattament ugwali mhux bejn il-kategoriji differenti ta' persuni b'diżabbiltà, iżda bejn dawn tal-aħħar u l-persuni li ma għandhomx diżabbiltà.

92 — Enfażi miżjud minni. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punti 38, 41, 47 u 54); tal-4 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-312/11, mhux ippubblikata, EU:C:2013:446, punti 56 u 59); tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159, punti 76 u 80), u tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA (C-354/13, EU:C:2014:2463, punti 53, 59 u 60).

93 — B'hekk, fil-Komunikazzjoni lill-istampa tal-Kummissjoni relatata ma' din ir-ratifika (Avviż tal-5 ta' Jannar 2011, IP/11/4), huwa indikat li l-Konvenzjoni tal-NU dwar id-diżabbiltà "torbot lill-partijiet sabiex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom *b'mod ekwu maċ-ċittadini l-oħra kollha*" (enfażi miżjud minni).

94 — Ara l-punti 51 *et seq.* ta' dawn il-Konklużjonijiet.

95 — Ara l-punt 82 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

D – *Fuq l-eventwali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ratione personae tar-regoli nazzjonali li jipproteġu lill-impjegati b'diżabbiltà (ir-raba' domanda)*

96. Ir-raba' domanda preliminari saret b'mod sussidjarju, peress li ssemmi l-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti "risposta negattiva għall-ewwel u għat-tielet domandi".

97. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk l-obbligu ta' osservanza tal-imsemmija regoli tad-dritt internazzjonali bħal dawk tad-dritt tal-Unjoni – li jobbligaw lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Bulgarija – jirrikjedu li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli nazzjonali li jipproteġu lill-impjegati b'diżabbiltà, kemm jekk ikunu impjegati fis-settur privat jew fis-settur pubbliku, f'każ ta' tkeċċija[96] jiġi estiż b'tali mod li dawn ir-regoli ta' protezzjoni jibbenefikaw ukoll lill-uffiċjali li għandhom l-istess tip ta' diżabbiltà, sabiex ikunu konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tax-xogħol u tal-impjieg. P Milkova iddikjarat ruħha f'dan is-sens[97].

98. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din id-domanda hija marbuta mal-fatt li l-leġiżlazzjoni Bulgara kkonċernata hija applikata b'mod strett mill-qrati nazzjonali[98] u li dan l-approċċ rigoruż jista' jirriżulta bħala mhux konformi mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretati b'mod partikolari fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà[99], li jitolbu protezzjoni ġusta u effettiva mil-liġi kontra d-diskriminazzjonijiet fir-rigward ta' kwalunkwe persuna b'diżabbiltà.

99. Bħall-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni, nikkunsidra li, fid-dawl tar-risposti limitativi li nirrakkomanda li għandhom jingħataw għad-domandi preliminari preċedenti u fid-dawl tan-natura kundizzjonali tar-raba' domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għal din tal-aħħar u għalhekk li jsiru xi argumenti speċifiċi dwarha.

100. B'mod iktar sussidjarju u għall-finijiet kollha utili, fir-rigward tar-rwol li għandhom il-qrati nazzjonali sabiex jiżguraw l-osservanza sħiħa minn Stat Membru tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, problematika li jidhirli li fuqha hija bbażata r-raba' domanda preliminari, nirreferi sempliċement għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata ma' dan is-suġġett, u b'mod iktar partikolari għas-sentenzi mogħtija dwar diskriminazzjonijiet stabbiliti b'regoli nazzjonali fil-qasam tad-dritt tax-xogħol[100].

96 — Jiġifieri r-regoli stabbiliti fil-punt 3 tal-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, moqri flimkien mal-punt 2 tal-Artikolu 328(1) tal-istess Kodiċi.

97 — Fir-risposta bil-miktub tagħha għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, P. Milkova sostniet li peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni toħloq differenza ta' trattament li jikkonċerna persuni b'diżabbiltà, anki jekk din id-differenza hija bbażata fuq in-natura tar-relazzjoni ta' xogħol u mhux fuq id-diżabbiltà, hemm lok li jiġi applikat il-punt 3 tal-Artikolu 333(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol anki għall-ħaddiema b'diżabbiltà li huma uffiċjali, b'analoġija ma' dawk li huma impjegati, u, minħabba ż-żieda ta' tali dispożizzjoni fil-liġi dwar is-servizz pubbliku, li din il-leġiżlazzjoni tiġi alinjata mad-dritt tal-Unjoni.

98 — Ara l-punti 35 *et seq.* ta' dawn il-Konklużjonijiet.

99 — Fir-rigward tal-bżonn li "jiġu osservati d-dispożizzjonijiet internazzjonali" minn Stat Membru msemmi fir-raba' domanda preliminari, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi b'mod preliminari fuq tali punt ta' dritt u li l-kliem tal-imsemmija domanda għandu jiġi riformulat f'dan ir-rigward (ara l-punti 75 *et seq.* ta' dawn il-Konklużjonijiet).

100 — Fuq id-dmir tal-qrati nazzjonali li jinterpretaw regola tad-dritt nazzjonali b'mod li jippermetti li tiġi applikata skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, ara, b'mod partikolari, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-Kawża Fenoll (C-316/13, EU:C:2014:1753, punti 55 *et seq.* u l-ġurisprudenza ċċitata); il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża DI (C-441/14, EU:C:2015:776, punti 42 *et seq.*), u s-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278, punti 28 *et seq.* u l-ġurisprudenza ċċitata).

## V – Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi d-domandi preliminari magħmula mill-Varhoven administrativen sad (Qorti amministrattiva suprema, Bulgarija) bil-mod segwenti:

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma hijiex applikabbli għal sitwazzjoni li fiha d-differenza ta' trattament introdotta bil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata, bejn impjegati u uffiċjali li għandhom l-istess tip ta' diżabbiltà, hija fondata mhux fuq il-kriterju tad-diżabbiltà iżda tan-natura tar-relazzjoni ta' xogħol li torbot liż-żewġ kategoriji ta' persuni b'diżabbiltà rispettivament mal-persuna li timpjegahom.